# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2006

## tas-16 ta’ Novembru 2021

## li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni li jemendaw ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta’ istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma’ skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 109a(1), it-tielet subparagrafu, tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1800 ([2]) jispeċifika, fost oħrajn, fl-Anness tiegħu, il-korrispondenza bejn il-valutazzjonijiet tal-kreditu rilevanti maħruġa minn istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (external credit assessment institution, ECAI) u l-klassijiet tal-mertu tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ([3]) (“Valutazzjonijiet tal-kreditu esterni”).

(2) Wara l-aħħar emendi, permezz tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/744 ([4]), tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1800, inbidlu l-fatturi kwantitattivi u kwalitattivi li jirfdu l-valutazzjonijiet tal-kreditu ta’ ċertu mmappjar. Barra minn hekk, xi ECAIs estendew il-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom għal segmenti ġodda tas-suq, li rriżulta fi skali ta’ klassifikazzjoni ġodda u tipi ġodda ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat l-immappjar tal-ECAIs ikkonċernati.

(3) Wara l-adozzjoni tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/744, ġew irreġistrati żewġ aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu skont l-Artikoli 14 sa 18 tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), filwaqt li ġew dereġistrati żewġ ECAIs oħra li għalihom ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 ipprovda mmappjar. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut immappjar għall-ECAIs li għadhom kif ġew irreġistrati u li jitneħħa l-immappjar tal-ECAI dereġistrati.

(4) Barra minn hekk, ECAI waħda rreġistrata skont l-Artikoli 14 sa 18 tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009, u li għaliha ġie pprovdut immappjar fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1800, emendat is-simboli użati biex jindikaw il-kategoriji ta’ klassifikazzjoni tal-iskali ta’ klassifikazzjoni tagħha. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi emendat l-immappjar għal dik l-ECAI biex jirrifletti s-simboli attwali użati minn dik l-ECAI.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni ppreżentati b’mod konġunt mill-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority, EBA), mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA) u mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (European Insurance and Occupational Pensions Authority, EIOPA) (l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej) lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1800 tal-11 ta’ Ottubru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta’ istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma’ skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 19).

([3]) Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta’ Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/744 tal-4 ta’ Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta’ istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma’ skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 5.6.2020, p. 4).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

(6) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [6]; il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7]; u l-parir tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [8].

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2016/1800 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

*ANNESS*

*"ANNESS*

**L-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu**

| **Klassi tal-mertu tal-kreditu** | **0** | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *A.M. Best (EU) Rating Services B.V.* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | aaa | aa, aa- | a+, a, a- | bbb+, bbb, bbb- | bb+, bb, bb- | b+, b, b- | ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d, e, f, s |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | aaa | aa, aa- | a+, a, a- | bbb+, bbb, bbb- | bb+, bb, bb- | b+, b, b- | ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d, s |
| Skala ta' klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja | | A++, A+ | A, A- | B++, B+ | B, B- | C++, C+ | C, C-, D, E, F, S |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | AMB-1+ | AMB-1- | AMB-2, AMB-3 | AMB- 4, d, e, f, s | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | AMB-1+ | AMB-1- | AMB-2, AMB-3 | AMB- 4, d, s | | |
| *ARC Ratings SA* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien medju u twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien medju u twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-abbiltà ta' ħlas ta' pretensjonijiet | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, R |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *ASSEKURATA Assekuranz Rating-Agentur GmbH* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC/C, D |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien qasir | | A++ | A | | B, C, D | | |
| *Axesor Risk Management SL* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, E |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | | AS1+ | AS1 | AS2 | AS3, AS4, AS5 | | |
| *Banque de France* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | | 3++ | 3+, 3 | 4+ | 4, 5+ | 5, 6 | 7, 8, 9, P |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali tal-kreditu tal-emittenti tal-NEC fuq terminu ta' żmien twil | | 1+ | 1, 1- | 2+, 2, 2- | 3+, 3, 3-, 4+, 4, 4-, 5+ | 5, 5-, 6+, 6, 6- | 7, 8, P |
| *BCRA - Credit Rating Agency AD* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta' fondi tal-pensjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA pf | AA pf | A pf | BBB pf | BB pf | B pf | C pf |
| Skala ta' fondi ta' garanzija fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | C, D |
| Skala ta' fondi ta' garanzija fuq terminu ta' żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| *Capital Intelligence Ratings Ltd* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | C, RS, SD, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tas-solidità finanzjarja tal-assiguraturi fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | C, RS, SD, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | A1+ | A1 | A2, A3 | B, C, RS, SD, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | A1+ | A1 | A2, A3 | B, C, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tas-solidità finanzjarja tal-assiguraturi fuq terminu ta' żmien qasir | | A1+ | A1 | A2, A3 | B, C, RS, SD, D | | |
| *Cerved Rating Agency S.p.A.* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien twil | A1.1 | A1.2, A1.3 | A2.1, A2.2, A3.1 | B1.1, B1.2 | B2.1, B2.2 | C1.1 | C1.2, C2.1 |
| Skala ta' klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien qasir | | S-1 | S-2 | S-3 | V-1, R-1 | | |
| *Creditreform Rating AG* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | | BBB | BB, B | C, SD, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | | BBB | BB, B | C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir | L1 | L2 | | L3, NEL, D | | | |
| *CRIF Ratings S.r.l.* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D1S, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, DS |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-SMEs | | SME1, SME2 | | SME3 | SME4 | SME5, SME6 | SME7, SME8 |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | IG-1 | | IG-2 | SIG-1, SIG-2, SIG-3, SIG-4 | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | IG-1 | | IG-2 | SIG-1, SIG-2, SIG-3, SIG-4 | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *DBRS Ratings GmbH* | | | | | | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-obbligi fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-karti kummerċjali u tad-dejn fuq terminu ta’ żmien qasir | | R-1 H, R-1 M | R-1 L | R-2, R-3 | R-4, R-5, D | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja | | AAA, AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, R |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tat-telf mistenni | | AAA(el), AA(el) | A(el) | BBB(el) | BB(el) | B(el) | CCC(el), CC(el), C(el) |
| *Egan-Jones Ratings Co.* | | | | | | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta’ żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2 | A-3, B, C, D | | |
| *EuroRating Sp. z o.o.* | | | | | | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni globali fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *Fitch Ratings Ireland Limited* | | | | | | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-inadempjenza tal-emittenti fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, RD, D |
| Obbligi finanzjarji tal-kumpaniji – Skala ta’ klassifikazzjoni fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C |
| Skala ta’ klassifikazzjoni internazzjonali tal-IFS fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kontropartijiet tad-derivattivi | | AAA dcr, AA dcr | A dcr | BBB dcr | BB dcr | B dcr | CCC dcr, CC dcr, C dcr |
| Skala ta’ klassifikazzjoni fuq terminu ta’ żmien qasir | | F1+ | F1 | F2, F3 | B, C, RD, D | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu ta’ żmien qasir | | F1+ | F1 | F2, F3 | B, C | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *GBB-Rating Gesellschaft für Bonitätsbeurteilung mbH* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *HR Ratings de México, S.A. de C.V.* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | HR AAA(G) | HR AA(G) | HR A(G) | HR BBB(G) | HR BB(G) | HR B(G) | HR C(G)/HR D(G) |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | HR+1(G) | HR1(G) | HR2(G) | HR3(G) | HR4(G), HR5(G), HR D(G) | | |
| *ICAP S.A* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | | | AAA, AA | A, BBB | BB, B | CCC, CC | C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | | | AAA, AA | A, BBB | BB, B | CCC, CC | C, D |
| *INBONIS SA* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| *Japan Credit Rating Agency Ltd* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, LD, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir | | J-1+ | J-1 | J-2 | J-3, NJ, LD, D | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir | | J-1+ | J-1 | J-2 | J-3, NJ, D | | |
| *Kroll Bond Rating Agency Europe* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir | | K1+ | K1 | K2, K3 | B, C, D | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *modeFinance S.r.l.* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | A1 | A2 | A3 | B1 | B2 | B3 | C1, C2, C3, D |
| *Moody's Investors Service* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | Aaa | Aa | A | Baa | Ba | B | Caa, Ca, C |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | | P-1 | P-2 | P-3 | NP | | |
| *Nordic Credit Rating AS* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, SD |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir | | | | N-1+ | N-1, N-2, N-3, N-4 | | |
| *QIVALIO SAS (preċedentement Spread Research)* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | | SR0 | | SR1, SR2 | SR3, SR4, SR5, SRD | | |
| *Rating-Agentur Expert RA GmbH* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, E |
| Skala ta' klassifikazzjoni internazzjonali tal-affidabbiltà | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D, E |
| Skala ta' klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir | | RA1+ | RA1 | RA2, RA3 | RA4, RA5, C, D | | |
| *Scope Ratings AG* | | | | | | | |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta' klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir | | S-1+ | S-1 | S-2 | S-3, S-4 | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Scope Hamburg GmbH* | | | | | | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni globali fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, SD, D |
| *S&P Global Ratings* | | | | | | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, R, SD/D |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta’ żmien twil | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, C, D |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-assiguraturi | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, SD/D, R |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kontropartijiet għar-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet finanzjarji fuq terminu ta’ żmien qasir | AAA | AA | A | BBB | BB | B | CCC, CC, SD, D |
| Skala ta’ klassifikazzjoni għall-evalwazzjoni ta’ nofs is-suq | | | MM1 | MM2 | MM3, MM4 | MM5, MM6 | MM7, MM8, MMD |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta’ żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, R, SD/D | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta’ żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, D | | |
| Skala ta’ klassifikazzjoni tal-kontropartijiet għar-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet finanzjarji fuq terminu ta’ żmien qasir | | A-1+ | A-1 | A-2, A-3 | B, C, SD/D” | | |